**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA, 3 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 238/01 AJD*

Simon Azzopardi

vs

Indri Grech

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' April, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur danni fl-ammont ta' mitejn u tmienja u tletin liri Maltin (Lm238.00) kawza ta' incident awtomobilistiku li gara fir-Rabat, St. Rita Street, fis-16 ta' April, 1999, meta l-konvenut li kien qed isuq vettura Toyota Tercell Numru EAO 476 baqa' diehel fuq wara tal-vettura Datsun Numru HAO 321 misjuqa mill-attur.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-6 ta' Frar, 2001, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:
1. Illi preliminarjament it-talba ta' l-attur hija preskritta stante li ghaddew sentejn mid-data tal-incident;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut mhux responsabbli stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort in-negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Simon Azzopardi;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-somma mitluba hija eccessiva.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2001, fejn Dr. Ilona Blackman ghall-konvenut irtirat l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu fir-risposta.
Sema' x-xhieda tal-attur u ta' Etienne Vella. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha

tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

1. Illi l-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' April, 1999, f'St. Rita Street, Rabat, bejn il-vettura numru EAO 476 misjuqa mill-konvenut u l-vettura HAO 321 misjuqa mill-attur.

2. Illi l-attur xehed li fil-hin tal-incident huwa kien wieqaf qed inizzel passiggier meta l-konvenut baqa' diehel fih fuq wara.

3. Illi l-passiggier Etienne Vella ikkonferma l-verzjoni tal-incident moghtija mill-attur.

4. Illi l-konvenut qatt ma deher sabiex jixhed dwar l-incident u sabiex jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu.

5. Illi mill-atti processwali jirrizulta ampjament li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tas-16 ta' April, 1999, meta huwa baqa' diehel fuq wara tal-vettura tal-attur liema vettura dak il-hin kienet wieqfa.

6. Illi l-attur xehed li l-hsara fil-vettura tieghu ghadha ma ssewwietx izda esebixxa 'survey report' (Dok. SA1) u stima (Dok. SA3) liema dokumenti jindikaw li l-ammont ta' mitejn u tmienja u tletin lira Maltin (Lm238.00) huwa l-prezz tal-'parts' u 'labour' necessarji sabiex tissewwa l-vettura tieghu.

7. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-hsara elenkata f'Dok. SA1 u SA3 hija kompatibbli mad-dinamika tal-incident.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tmienja u tletin liri Maltin (Lm238.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenut skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR